Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,357, 16 ta' Novembru, 1990
Taqsima B

A.L. 189 ta' l-1990

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) KAP. 161

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm4,000,000 5.5% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1995

IT-TMIEN ĦRUĠ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati — Kap. 161) il-Ministru tal-Finanzi awtorizza il-ħruġ ta' Lm4,000,000 5.5% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1995 (it-Tmien Ħruġ) kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*stock*.

1. L-i*stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm96 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-i*stock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*stock* jifthu t-Tnejn, 19 ta' Novembru, 1990 u jagħlqu f'nofs in-nhar ta' l-1 ta' Diċembru, 1990 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tinġabar

2. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm4,000,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fl-1 ta' Ġunju u fl-1 ta' Diċembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*stock* . L-ewwel ħlas ta' Lm2.75,0 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-2 ta' Diċembru, 1990 u l-1 ta' Ġunju, 1991, għandu jsir fl-1 ta' Ġunju, 1991.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm40,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tlett snin mit-2 ta' Diċembru, 1990.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*stock* għandu jiġi mifdi bir-rata ta' Lm100 għal kull Lm100 *stock* f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1995 u l-31 ta' Diċembru, 1995 (iżżewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-i*stock* jinfeda biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-i*stock* maħruġ.